



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12834/19

COPS 299
POLMIL 96
COWEB 116
CSDP/PSDC 454
CFSP/PESC 753
BIH 22

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Ottubru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12832/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-Ħerzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea - Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ottubru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-
Ħerzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea, adottati mill-Kunsill fit-3720 laqgħa tiegħu li saret fl-14
ta' Ottubru 2019.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IL-BOŻNIJA-HERZEGOVINA
/OPERAZZJONI EUFOR ALTHEA**

1. Il-Kunsill itenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrani. Filwaqt li jqis li mill-elezzjonijiet ġenerali tas-sena li għaddiet 'l hawn il-gvernijiet għadhom ma ġewx iffurmati fil-Bożnija-Herzegovina fuq il-livelli tal-Istat u tal-Federazzjoni, il-Kunsill iġedded l-appell tiegħu lill-Bożnija-Herzegovina biex tipproċedi bil-formazzjoni tal-gvern u tibda l-ħidma mingħajr aktar dewmien, fl-interess taċ-ċittadini kollha. Il-Kunsill ifakkar li l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi hija meħtieġa biex isir progress fit-triq lejn l-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2019, li hađu nota tal-opinjoni tal-Kummissjoni.
2. Il-Kunsill jilqa' l-preżenza kontinwa tal-Operazzjoni Althea, li fis-segwitu tar-Reviżjonijiet Strateġiċi tal-2017 u l-2019 reġgħet iffokat fuq il-mandat ewlieni tagħha, filwaqt li żammet it-taħriġ kollettiv bħala kompit u tal-Operazzjoni. F'dan il-kuntest, bħala parti mill-istrateġija ġenerali tal-UE għall-Bożnija-Herzegovina, il-Kunsill jikkonferma li f'dan l-istadju l-UE tinsab lesta li tkompli l-mandat eżekuttiv tal-Operazzjoni Althea biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina biex iżommu l-ambjent sigur u mingħajr periklu, fuq mandat imġedded tan-NU.
3. Il-Kunsill jistenna b'interess il-preżentazzjoni tar-Rieżami Strateġiku li jmiss fl-2021 bħala bażi għad-diskussjoni mal-Istati Membri dwar il-kompiti u l-għażliet tal-EUFOR għall-futur tal-Operazzjoni, filwaqt li titqies ukoll il-ħtieġa tal-appoġġ tal-progress tal-Bożnija-Herzegovina fil-proċess ta' integrazzjoni tagħha fl-UE u jittieħed kont tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fuq il-post.
4. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' koordinazzjoni kontinwa ta' EUFOR Althea ma' atturi internazzjonali oħra fuq il-post.
5. L-UE tkompli fl-istess ħin thegħgeġ lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, li jaċċelleraw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw ir-rimi ta' munizzjon żejjed, l-armi u tagħmir splussiv, kif ukoll it-tneħħija ta' mini.